MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 1535/2001/1

**Kunsill Lokali Birzebbugia**

**v.**

**Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni, Taqsima Xogholijiet**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-Kunsill Lokali ta’ Birzebbugia li in forza tieghu, wara li ppremetta illi:

“Illi l-Kunsill esponenti gie notifikat b’ittra ufficjali datata d-29 ta’ Awissu 2001 ta’ l-intimat Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutensjoni, Taqsima Xogholijiet, f’liema ittra l-Kunsill esponenti qed jintalab ihallas is-

somma ta' Lm103,949.07 filwaqt li giet annessa dikjarazzjoni guramentata ghall-finijiet u effetti ta' l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Kopja ta' l-istess qed jigu ezebiti bhala KB1 u KB2).

"Illi l-Kunsill esponenti qed jipprevalixxi ruhu mit-tieni subartikolu ta' l-istess Artikolu 466 sabiex jopponi l-istess talba.

"Illi l-Kunsill esponenti jirrileva illi l-ammont mitlub mid-Direttur intimat huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:

"Illi t-talba tad-Direttur intimat hija preskritta stante li x-xogholijiet li dwarhom qed jintalab hlas saru qabel is-sena 1998 u ghalhekk ghaddew iktar minn sentejn minn meta saru l-istess xogholijiet u ghalhekk huwa applikabbli l-perjodu preskrittiv provdut fl-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess ebda hlas ma huwa dovut stante li x-xogholijiet in kwistjoni ma sarux skond is-sengha u l-arti u skond kif kien miftiehem, bil-konsegwenza li l-Kunsill esponenti kellu jaghmel mill-gdid certi xogholijiet, filwaqt li fir-rigward ta' xogholijiet ohra m'huwa dovut ebda hlas mill-istess Kunsill esponenti stante li dawn kienu jifformaw parti mix-xoghol fuq il-*promenade* li kien qed isir mill-Gvern Centrali.

"Illi aktar minn hekk u dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, il-Kunsill esponenti jirrileva illi huwa ghamel dak kollu li seta' sabiex jilhaq ftehim ma' l-intimat u sahansitra f'Mejju tas-sena 1999 huwa kien ghamel offerta ta' pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tieghu, liema offerta pero' ma giet qatt accettata u lanqas ma giet segwita b'xi att gudizzjarju da parti ta' l-intimat ghajr l-ittra ufficjali tad-29 ta' Awissu 2001 u ghalhekk jidher car li t-talba ta' l-intimat hija preskritta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

"Ghalhekk il-Kunsill esponenti jitlob bir-rispett lill din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara bhala infondata t-talba tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni, Taqsima Xogholijiet, ghall-pagament ta' Lm103,949.07 mitluba minghand l-esponenti permezz ta' l-ittra ufficjali tieghu tad-29 ta' Awissu 2001, bl-ispejjez kontra l-istess Direttur intimat."

Rat ir-risposta ta' l-intimat li in forza taghha eccepixxa illi:
"Illi l-ammont ta' mija u tliet elef, disa' mija u disgha u erbghin lira Maltin u seba' centezmi (Lm103,949.07) huwa rapprezentanti l-prezz ta' materjal, xogholijiet, u diversi servizzi provduti lill-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga mid-Dipartiment esponenti.

"Illi skond l-Artikolu 466 (2) d-debitur irid jipprova li t-talba li saret permezz ta' l-ittra ufficjali mahruga a tenur ta' l-Artikolu  466 mhix wahda fondata.

"Illi t-talba kontenuta fl-ittra ufficjali mahruga mill-esponenti mhix preskritta u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smiegh tar-rikors fl-ismijiet hawn fuq premessi.

"Illi x-xogholijiet kollha mwettqa mid-Dipartimenti esponenti saru skond l-arti u s-sengha u hekk kif kien miftiehem bejn il-partijiet.

"Illi minbarra dan kollu l-esponenti baqghat numru ta' avvizi lir-rikorrenti, sabiex jithallas l-ammont dovut lid-Dipartiment, izda dan kollu kien ta' xejn."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Gunju 2004, li in forza taghha ddecidiet fuq l-ewwel kawzali tal-Kunsill rikorrent, laqghetha, u ddikjarat mhux gustifikata t-talba ta' l-intimat kontenuta fl-ittra ufficjali tad-29 ta' Awissu 2001, billi l-istess talba hija preskritta skond il-ligi;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi kif jidher l-intimati qed jeccepixxu l-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-artikolu 2149 (a) tal-Kap 12.  Dan jghid li

azzjonijiet ta' kuntratturi tal-bini hija preskritta wara sentejn. Ma hemmx kwistjoni li din hija l-preskrizzjoni applikabbli. L-artikolu 2137 jghid li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta l-azzjoni tkun setghet saret.

"F'dan il-kaz, jidher mill-atti processwali li l-intimat talab permezz tal-ittra ufficjali in kwistjoni illi jithallas ta' xoghol li allegatament sar bejn l-1997 u s-sena 2001; madankollu permezz tal-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru 2003 l-intimat irrinunzja ghat-tlaba fir-rigward tal-fattura tal-2001 u kwindi l-ahhar xoghol li sar talba ghall-hlas tieghu sar fis-17 ta' Marzu tas-sena 1999. L-ittra ufficjali giet presentata fid-19 ta' Awwissu 2001. *Prima facie* ghalhekk il-perjodu preskrittiv ghadda. Madankollu hemm xi fatturi ohra li ghandhom jigu konsiderati qabel jigi deciz dan il-punt.

"L-ewwelnett jidher li saru diversi laqghat bejn il-partijiet assistiti mill-periti rispettivi taghhom bil-ghan li l-vertenza tigi risolta. Dan ma jfissirx li b'daqshekk il-preskrizzjoni giet interrotta ghaliex tali rinunzja da parti tad-debitur trid tkun cara. Barra minn hekk jekk jigi argumentat dan il-partijiet ikunu propensi ma jaghmlux laqghat simili minhabba l-biza li jkunu qed jirrinunzjaw ghall preskrizzjoni u laqghat simili jsiru dejjem minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-partijiet. F'din il-kawza pero' ma giex indikat ezatt meta saru dawn il-laqghat u wisq inqas x'intqal fihom. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tasal ghal xi konkluzjoni li f'dawn il-laqghat giet interrotta l-preskrizzjoni. Wiehed irid iqis ukoll illi r-rinunzja trid tkun cara u minghajr ekwivoku.

"Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Carmelina Vella vs Anthony Borg (16 ta' Settembru 1994) intqal illi:

*"Huwa risaput illi l-preskrizzjoni tisfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tieghu.".*

"L-unika interruzjoni tal-preskrizzjoni f'dan il-kaz saret fid-19 ta' Mejju 1999 meta l-Kunsill kiteb lid-dipartiment intimat u offra li jhallas nofs is-somma mitluba minnu wara li ressaq diversi ilmenti dwar il-kont. Gie argumentat fit-

trattazzjoni li semmai il-preskrizzjoni giet interrotta ghal dan l-ammont izda fil-fehma tal-Qorti fil-kaz odjern tali argument huwa purament akkademiku ghaliex l-artiklu 2136 (2) tal-Kap 16 jipprovdi car illi l-preskrizzjoni terga' tibda ghaddejja mill-gdid wara li tinkiser. Allura minn Mejju tal-1999 regghu ghaddew iktar minn sentejn qabel ma l-intimati ippresentaw l-ittra ufficjali li tat lok ghal din il-kawza. Ghalhekk kull azzjoni spettanti lill-intimat giet preskritta u kwindi t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata."

Rat ir-rikors ta' l-appell tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni, Taqsima Xogholijiet;

Rat ir-risposta tal-Kunsill appellat;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi b'ittra ufficjali tad-29 ta' Awissu 2001, l-intimat talab lill-Kunsill Lokali ta' Birzebbugia jhallsu s-somma ta' Lm103,949.07 rapprezentanti l-prezz ta' materjal, xogholijiet u servizzi provduti mid-Dipartiment. Il-Kunsill jikkontesta din it-talba billi, fl-ewwel lok, eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili, li tolqot bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn
"l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xogholijiet ohra ta' injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu."

L-ewwel Qorti laqghet din is-sottomissjoni tal-Kunsill rikorrent, illum appellat, u qalet li t-talba tad-dipartiment intimat kif kontenuta fl-ittra ufficjali tad-29 ta' Awissu 2001, kienet perenta.

Id-dipartiment intimat qed jappella minn dik id-decizjoni u l-aggravju tieghu jiccentra fuq l-allegazzjoni li kien hemm interruzzjoni tat-terminu preskrittiv, u li, f'kull kaz, la darba kien hemm kontinwazzjoni ta' fornituri kellu japplika l-

Artikolu 2151(2) ta’ l-istess Kodici Civili u t-terminu preskrittiv estiz ghal hames snin.

Id-dipartiment intimat isostni li kull preskrizzjoni applikabbli kienet giet interrotta bi stqarrijiet tal-Kunsill rikorrent, qabel il-ftuh ta’ u waqt dawn il-proceduri, fis-sens li kien qed jaccetta li hu debitur, izda mhux ta’ l-ammont kollu mitlub.

Hu principju affermat mill-gurisprudenza lokali li meta persuna taqbel li ghandha thallas xi kumpens ghal xi servigi rezi, izda ma jkunx hemm qbil dwar il-quantum, tkun qed tirrikonoxxi li hi debitrici u kwindi tkun qed tirrinunzja ghall-preskrizzjoni (ara **Azzopardi v. Cassar**, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta’ Ottubru 1998, **Tabone v. Vassallo** deciza wkoll minn din il-Qorti fl-24 ta’ Marzu 2004, u **Maltacom plc v. Falzon**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Gunju 2006, fost ohrajn).

Id-dipartiment intimat jirreferi ghal tlett ittri mibghuta mill-Kunsill Lokali ta’ Birzebbugia, li skond hu, jinterrompu l-preskrizzjoni. Fl-ewwel wahda, datata 19 ta’ Mejju 1999, il-Kunsill jirreferi ghal “studju dettaljat fuq il-kontijiet mibghuta mid-dipartiment” li hu ghamel u kkonkluda li kien lest ihallas Lm55,447.68 “immedjatament bhala full and final settlement”.  Wara li d-dipartiment wiegeb ghal din l-ittra, l-istess Kunsill, b’ittra datata 19 ta’ Lulju 1999, rega’ tenna l-posizzjoni tieghu, irrefera ghall-ittra precedenti tieghu tad-19 ta’ Mejju 1999, u rribadixxa li “l-ammont tas-somma hawn fuq imsemmi <u>mhux kollu kontestat</u>” (sottolinear ta’ din il-Qorti).  Sa hawn, allura, hija l-fehma ta’ din il-Qorti li da parti tal-Kunsill rikorrent kien hemm rikonoxximent tal-posizzjoni tieghu ta’ debitur lejn l-intimat, u, kwindi, kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni.  Din il-posizzjoni, il-Kunsill rikorrent rega’ affermaha f’ittra tal-24 ta’ Awissu 1999, li fiha xtqarr li ma kienx lest ihallas il-flus mitluba “ghar-ragunijiet elenkati fl-ittra taghna tad-19 ta’ Lulju, 1999.”

Skond l-Artikolu 2136(2) tal-Kodici Civili meta jkun hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni “il-preskrizzjoni tista’ tibda miexja mill-gdid”.  Issa, l-ahhar ittra rikonjitorja tal-Kunsill rikorrent, kif intwera, hija datata 24 ta’ Awissu 1999,

filwaqt li l-ittra ufficjali meritu ta' din il-kawza ggib id-data tad-29 ta' Awissu 2001, cioe` aktar minn sentejn minn meta l-preskrizzjoni regghet bdiet tiddekorri. Id-dipartiment intimat isostni, pero`, li anke wara dawn l-ittri, il-Kunsill rikorrent baqa' jzomm il-posizzjoni li hu debitur, izda mhux tas-somma kollha mitluba.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi prodotti, partikolarment ix-xiehda li ta s-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Birzebbugia, tara li, bhala fatt, il-posizzjoni li baqa' jiehu l-Kunsill hi li ghalkemm hemm ammont ta' flus dovuti lid-dipartiment, din is-somma hi anqas minn dik mitluba peress li allega li sar xoghol mhux skond l-arti u s-sengha u xoghol li l-hlas tieghu ma jidholx fir-responsabbilita` tal-Kunsill. Il-firxa tad-deposizzjoni tieghu ma thallix dubju f'ghajnejn din il-Qorti li l-Kunsill kellu diversi ilmenti dwar kif sar ix-xoghol, izda ma kienx hemm kontestazzjoni li xi haga hi dovuta. Is-Sindku kien jenfasizza ma' Joe Magro, li kien il-works manager inkarigat mix-xoghol, li hu mhux ser ihallas <u>ghal xoghol hazin</u>. Dan ifisser li hu rrikonoxxa li jekk ix-xoghol isir tajjeb, kien lest ihallas. Is-Sindku qatt ma cahad li l-Kunsill hu jew jista' jkun debitur ghax-xoghol li jsir tajjeb, u allura la darba ha din il-posizzjoni ma jistax aktar jeccepixxi l-preskrizzjoni, li hi marbuta ma fehma li l-kreditu huwa inezistenti. Hi gurisprudenza li meta debitur jichad li hu ghandu jaghti xi haga lill-kreditur, izda, fl-istess hin, jghid illi jekk issir il-prova relattiva, huwa jhallas, jigi li jkun interrompa l-preskrizzjoni jew irrinzunzja ghaliha (ara **Duca v. Galea**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' April 1961, (Vol XLV.II.632); **Casha v Micallef**, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 1956; u **Borg v. Testaferrata Bonnici**, deciza wkoll min din il-Qorti 24 ta' Marzu, 1958). Dan hu s-sens tad-difiza tal-Kunsill rikorrent li rrifjuta li jhallas is-somma mitluba a bazi ta' l-allegazzjoni tieghu li x-xoghol sar hazin, bl-inferenza tkun li jekk jirrizulta li x-xoghol, fil-fatt, sar tajjeb, ma jkunx hemm ostakolu ghall-hlas.

Kif osservat din il-Qorti fil-kawza **Cuschieri v. Onor. Ministru ta' l-Ambjent et** deciza fil-25 ta' Frar 2005, b'referenza ghal dak li jinghad fid-duttrina u fil-gurisprudenza:

"Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' l-indirizz segwit fil-precitati decizjonijiet u anzi hi wkoll tammetti bhala proposizzjoni guridika korretta t-teorija propunjata minn awturi bhal Aubry et Rau (Vol. VIII para 776) u t-Troplong ("Prescrizione" no. 67) illi *'quando il debitore senza negare in sostanza di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, vi ha rinunzia tacita alla prescrizione'*. Kif manifest minn dawn is-sentenzi, jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita ma jibqalha l-ebda valur meta din takkompanja eccezzjoni ohra li maghha hija inkonciljabbli u inkompatibbli. Dan jigri, tipikament, fejn, bhal fil-kaz de quo, l-attitudni tad-debitur ma tkunx dik tad-difiza ta' l-inezistenza tad-debitu…jew tac-cahda tad-dritt u l-azzjoni ta' l-attur izda tas-semplici kontestazzjoni ta' l-ammont. Konformement bhal fil-kaz ta' l-eccezzjoni tal-kompensazzjoni, eccezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gia` kompjuta…Minn dan kollu kkummentat u fuq l-iskorta tal-gurisprudenza prevalenti, li tidher ukoll li hi wahda kostanti, jista' ragjonevolment jinghad illi bil-mod kif wiegbet is-socjeta` appellanti fl-eccezzjoni primarja taghha hi giet li kienet qed taghraf li ghandha taghti, ghalkemm mhux l-ammont kif mitlub u pretiz mill-attur. B'hekk b'dan il-mod jista' jigi konkluz illi l-preskrizzjoni kienet qed tigi interrotta jew rinunzjata."

Anke f'dan il-kaz, l-attitudni tal-Kunsill rikorrent <u>ma hijiex dik tad-difiza ta' inezistenza tad-debitu</u>, izda li ghax-xoghol li ghalih hu responsabbli l-Kunsill u li sar skond l-arti u s-sengha, hija kienet lesta li thallas.

Jirrizulta wkoll li wara l-offerta li ghamel il-Kunsill biex ihallas somma izghar lid-dipartiment intimat (fit-termini ta' l-ittra ta' Lulju 1999), kienu saru tlett laqghat mad-Direttur tad-dipartiment, izda li ma hallew ebda frott. Issa, kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Korporazzjoni Enemalta v. Capua Palace Ltd**, deciza fis-27 ta' Mejju 2005,
"Taqbel ukoll din il-Qorti mas-socjeta` appellanti li jaghmel aktar sens li torbot il-perijodu in kwistjoni mad-data ta' meta giet kompletata l-obbligazzjoni, u li taht dan l-aspett

isegwi li d-data ta’ meta gie mitmum ix-xoghol hija certament fattur mill-iktar relevanti. Fl-istess hin pero` din il-Qorti ma tistax taqbel mas-socjeta` appellanti li din id-data meta ntemm ix-xoghol ghandu jkun l-uniku fattur li fuqu jiddependi kollox. Dan ghaliex jistghu facilment jinqalghu cirkostanzi, u f’dan il-kaz hekk proprju gara, fejn il-partijiet involuti talbu u htiegilhom jirrikorru ghal kjarifiki u accertament ulterjuri reciproci dwar il-kont, li jkun ifisser ukoll li l-preskrizzjoni tkun qeghda tigi sospiza jew interrotta.”

Dan ifisser li matul il-perijodu li kienu qed isiru diskussjonijiet dwar il-kontijiet, iz-zmien preskrittiv kien sospiz, u meta tikkunsidra li dawn il-laqghat saru wara l-24 ta’ Awissu, 1999 (kif jammetti l-istess Sindku) iz-zmien sospiz minhabba dawn id-diskussjonijiet, serva zgur biex jinnewtralizza li hamest ijiem distakk li hemm bejn l-ahhar ittra rikonjitorja tal-Kunsill rikorrent, gheluq it-terminu preskrittiv ta’ sentjen, u l-ittra ufficjali tad-29 ta’ Awissu, 2001.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell propost billi tilqa’ l-appell ta’ l-intimat Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni, Taqsima Xogholijiet, tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fid-9 ta’ Gunju 2004, u b’hekk tichad it-talba tal-Kunsill rikorrent bazata fuq il-kawzali tal-preskrizzjoni, u tirrinvija l-atti lura lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ghall-kontinwazzjoni tas-smigh fil-meritu.

L-ispejjez ta’ din id-decizjoni u ta’ dik ta’ l-ewwel Qorti marbuta ma’ din il-kwistjoni jithallsu kollha mill-Kunsill rikorrent appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------